Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** ►**C1** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 10/2011** ◄

tal-14 ta' Jannar 2011

dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2011 tal-1 ta' April 2011	L 87	1	2.4.2011
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1282/2011 tat-28 ta' Novembru 2011	L 328	22	10.12.2011

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 110, 29.4.2011, p. 36 (10/2011)

▼B

►C1 REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 10/2011 ◄

tal-14 ta' Jannar 2011

dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) (a), (c), (d), (e), (f), (h), (i) u (j) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali biex jiġu eliminati d-differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. L-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi għal gruppi ta' materjali u ta' oġġetti u jiddeskrivi fid-dettall il-proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi fil-livell tal-UE meta miżura speċifika tipprevedi lista ta' sustanzi awtorizzati.

(2) Dan ir-Regolament hu miżura speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi r-regoli speċifiċi għall-materjali u l-oġġetti tal-plastik li għandhom jiġu applikati għall-użu bla periklu tagħhom u għandu jirrevoka d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE tas-6 ta' Awwissu 2002 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel ([2]).

(3) Id-Direttiva 2002/72/KE tistipula regoli bażiċi għall-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik. Id-Direttiva kienet ġiet emendata sotanzjalment sitt 6 darbiet. Għal raġunijiet ta' ċarezza t-test għandu jiġi kkonsolidat u l-partijiet li ma fadlilhomx skop u dawk skaduti għandhom jitneħħew.

(4) Fl-imgħoddi d-Direttiva 2002/72/KE u l-emendi tagħha ġew trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bla ebda modifika ewlenija. Għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali normalment jeħtieġ perjodu ta' 12-il xahar. Fil-każ ta' emendar tal-listi ta' monomeri u addittivi biex jiġu awtorizzati sustanzi ġodda dan iż-żmien tat-traspożizzjoni jwassal għal ittardjar tal-awtorizzazzjoni u għalhekk idawwem l-innovazzjoni. Għalhekk jidher xieraq li jiġu adottati regoli dwar il-materjali u l-oġġetti tal-plastik fl-għamla ta' Regolament applikabbli direttament fl-Istati Membri.

([1]) ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.
([2]) ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18.

▼B

(5) Id-Direttiva 2002/72/KE tapplika għal materjali u oġġetti magħmula purament mill-plastiks u għas-siġilli tal-plastik fl-għotjien. Fl-imgħoddi dawn kienu l-użu ewlieni tal-plastiks fis-suq. Minkejja dan, f'dawn l-aħħar snin, apparti l-materjali u l-oġġetti magħmula purament mill-plastiks, il-plastiks jintużaw ukoll flimkien ma' materjali oħra msejħa saffi multipli magħmula minn materjali multipli. Ir-regoli dwar l-użu ta' monomer tal-klorur tal-vinil stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 78/142/KEE tat-30 ta' Jannar 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' materjali u oġġetti li fihom il-monomer tal-klorur tal-vinil u li huma maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel ([1]) diġà japplikaw għall-plastiks kollha. Għalhekk jidher xieraq li jitwessa' l-ambitu ta' dan ir-Regolament għal saffi tal-plastik f'saffi multipli magħmula minn materjali multipli.

(6) Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik jistgħu jkunu komposti minn saffi differenti ta' plastiks li jżommu flimkien permezz ta' adeżivi. Materjali u oġġetti tal-plastik jistgħu wkoll jiġu stampati jew miksija b'kisja organika jew mhux organika. Materjali u oġġetti stampati jew miksija kif ukoll dawk li jżommu flimkien permezz tal-adeżivi għandhom ikunu fl-ambitu tar-Regolament. L-adeżivi, il-kisjiet u l-linek tal-istampar mhumiex bilfors magħmula mill-istess sustanza bħall-plastiks. Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 jipprevedi li għall-adeżivi, il-kisjiet u l-linek tal-istampar għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi. Għalhekk il-materjali u l-oġġetti tal-plastik li huma stampati, miksija jew miżmuma flimkien permezz tal-adeżivi għandhom ikunu permessi li fis-saff tal-istampar, il-kisja jew l-adeżiv ikollhom sustanzi oħrajn apparti dawk awtorizzati fil-livell tal-UE għall-plastiks. Dawk is-saffi jistgħu jkunu soġġetti għal regoli oħra nazzjonali jew tal-UE.

(7) Il-plastiks kif ukoll reżini ta' skambju joniku, lasktu u silikoni huma sustanzi makromolekulari miksuba minn proċess ta' polimerizzazzjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 jipprevedi li għar-reżini ta' skambju joniku, il-lasktu u s-silikoni għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi. Minħabba li dawk il-materjali huma komposti minn sustanzi differenti li mhumiex plastiks u minħabba li għandhom proprjetajiet fiżikokimiċi jeħtieġ li japplikaw regoli speċifiċi għalihom u għandu jkun speċifikat li mhumiex fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(8) Il-plastiks huma magħmula minn monomeri u sustanzi oħra ta' bidu li jkunu reaġiti kimikament ma' struttura makromolekulari, il-polimer, li jifforma l-komponent strutturali ewlieni tal-plastiks. Mal-polimer jiżdiedu l-addittivi biex jinkisbu effetti teknoloġiċi distinti. Il-polimer *per se* huwa struttura ta' inerzja ta' piż molekulari għoli. Minħabba li s-sustanzi b'piż molekulari ogħla minn 1 000 Da normalment ma jistgħux jiġu assorbiti fil-ġisem ir-riskju potenzjali tas-saħħa mill-polimer innifsu huwa minimu. Ir-riskju potenzjali tas-saħħa jista' jitfaċċa minn monomeri li mhumiex kompletament reaġiti jew li mhumiex reaġiti jew minn sustanzi oħra ta' bidu jew minn addittivi ta' piż molekulari baxx li jiġu trasferiti fl-ikel permezz ta' migrazzjoni mill-materjali tal-plastik li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Għalhekk monomeri, sustanzi oħra ta' bidu u addittivi għandhom jiġu vvalutati mil-lat ta' riskju u awtorizzati qabel ma jintużaw fil-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

([1]) ĠU L 44, 15.2.1978, p. 15.

▼B

(9) Il-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanza li għandha titwettaq mill-Awtorità dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għandha tkopri s-sustanza nnfisha, l-impuritajiet rilevanti u r-reazzjoni prevedibbli u l-prodotti ta' degradazzjoni fl-użu maħsub. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tkopri l-migrazzjoni potenzjali fl-aġħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu u tossiċità. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju, l-awtorizzazzjoni għandha jekk ikun meħtieġ tistipula speċifikazzjonijiet għas-sustanza u restrizzjonijiet tal-użu, restrizzjonijiet kwantitattivi jew limiti ta' migrazzjoni biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-materjal jew l-oġġett finali.

(10) S'issa għadha ma tfasslet l-ebda regola fil-livell tal-UE għall-valutazzjoni tar-riskju u l-użu tal-koloranti fil-plastiks. Għalhekk l-użu tagħhom għandu jibqa' soġġett għal-liġi nazzjonali. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fi stadju aktar tard.

(11) Is-solventi użati fil-manifattura tal-plastiks biex joħolqu ambjent adattat ta' reazzjoni huma mistennija li jitneħħew mill-proċess ta' manifattura għaliex normalment huma volatili. S'issa għadha ma tfasslet l-ebda regola fil-livell tal-UE għall-valutazzjoni tar-riskju u l-użu tas-solventi fil-manifattura tal-plastiks. Għalhekk l-użu tagħhom għandu jibqa' soġġett għal-liġi nazzjonali. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fi stadju aktar tard.

(12) Il-plastiks jistgħu jsiru wkoll minn strutturi sintetiċi jew strutturi li jseħħu naturali fl-istrutturi makromolekulari li jkunu reaġiti kimikament ma' sustanzi oħra ta' bidu biex joħolqu makromolekula modifikata. Il-makromolekuli sintetiċi li jintużaw spiss huma strutturi intermedji li mhumiex kompletament polimerizzati. Ir-riskju potenzjali tas-saħħa jista' jitfaċċa mill-migrazzjoni ta' sustanzi oħra ta' bidu li mhumiex kompletament reaġiti jew li mhumiex reaġiti li jinużaw biex jimmodifikaw il-makromolekula jew makromolekula li mhijex kompletament reaġita. Għalhekk is-sustanzi l-oħra inizjali kif ukoll il-makromolekuli użati fil-manifattura ta' makromolekuli modifikati għandhom jgħaddu minn valutazzjoni tar-riskju u għandhom jiġu awtorizzati qabel jintużaw fil-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

(13) Il-plastiks jistgħu jsiru wkoll minn mikroorganiżmi li joħolqu strutturi makromolekulari minn sustanzi ta' bidu permezz ta' proċessi ta' fermentazzjoni. Il-makromolekula mbagħad jew tiġi rilaxxata fuq sustanza ta' kultura jew tiġi estratta. Ir-riskju potenzjali tas-saħħa jista' jitfaċċa mill-migrazzjoni ta' sustanzi inizjali li mhumiex kompletament reaġiti jew li mhumiex reaġiti, minn intermedji jew minn prodotti sekondarji tal-proċess ta' fermentazzjoni. F'dan il-każ il-prodott finali għandu jgħaddi minn valutazzjoni tar-riskju u għandu jiġi awtorizzat qabel ma jintuża fil-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

(14) Id-Direttiva 2002/72/KE fiha listi differenti għal monomeri jew sustanzi inizjali oħra u għal addittivi awtorizzati għall-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik. Għall-monomeri, is-sustanzi l-oħra ta' bidu u l-addittivi, il-lista tal-Unjoni issa hija kompluta, li jfisser li jistgħu jintużaw biss is-sustanzi awtorizzati fil-livell tal-UE. Għalhekk ma għadhiex tinħtieġ separazzjoni tal-monomeri jew ta' sustanzi inizjali oħra u ta' addittivi f'listi separati minħabba l-istatus tagħhom ta' awtorizzazzjoni. Minħabba li ċerti sustanzi jistgħu jintużaw kemm bħala monomeri jew sustanzi inizjali oħra kif ukoll bħala addittivi għal raġunijiet ta' ċarezza huma għandhom jiġu ppubblikati f'lista waħda ta' sustanzi awtorizzati filwaqt li tiġi indikata l-funzjoni awtorizzata.

▼B

(15) Il-polimeri jistgħu jintużaw mhux biss bħala komponent strutturali ewlieni tal-plastiks iżda wkoll bħala addittivi u jiksbu effetti teknoloġiċi distinti fil-plastik. Jekk addittiv polimeriku bħal dan huwa identiku għal polimer li jista' jifforma komponent strutturali ewlieni ta' materjal tal-plastik ir-riskju mill-addittiv polimeriku jista' jitqies bħala vvalutat jekk il-monomeri jkunu diġà ġew ivvalutati u awtorizzati. F'każ bħal dan ma għandux ikun meħtieġ li jiġi awtorizzat l-addittiv polimeriku iżda jista' jintuża abbażi ta' awtorizzazzjoni tal-monomeri u sustanzi oħra ta' bidu tiegħu. Jekk addittiv polimeriku bħal dan mhuwiex identiku għal polimer li jista' jifforma komponent strutturali ewlieni ta' materjal tal-plastik allura r-riskju mill-addittiv polimeriku ma jistax jitqies bħala vvalutat permezz tal-valutazzjoni tal-monomeri. F'każ bħal dan l-addittiv polimeriku għandu jgħaddi minn valutazzjoni tar-riskju f'dak li għandu x'jaqsam mal-frazzjoni tiegħu ta' piż molekulari baxx taħt 1 000 Da u jiġi awtorizzat qabel ma jintuża fil-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

(16) Fl-imgħoddi ma saret l-ebda distizjoni ċara bejn addittivi li għandhom funzjoni fil-polimer finali u l-aġenti li jgħinu l-produzzjoni ta' polimer li jesibixxu biss funzjoni fil-proċess tal-manifattura u mhumiex maħsuba li jkunu preżenti fl-oġġett finali. Uħud mis-sustanzi li jaġixxu ta' aġenti li jgħinu l-produzzjoni ta' polimer diġà ġew inklużi fil-lista mhux kompluta ta' addittivi fl-imgħoddi. Dawn l-aġenti li jgħinu l-produzzjoni ta' polimer għandhom jibqgħu fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi awtorizzati. Minkejja dan, għandu jiġi enfasizzat li l-użu ta' aġenti li jgħinu l-produzzjoni ta' polimer oħra se jibqa' possibbli, soġġett għal-liġi nazzjonali. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fi stadju aktar tard.

(17) Il-lista tal-Unjoni fiha sustanzi awtorizzati li għandhom jintużaw fil-manifattura tal-plastiks. Sustanzi bħalma huma aċidi, alkoħol u fenoli jistgħu jinstabu wkoll fl-għamla ta' mluħ. Minħabba li l-imluħ fil-biċċa l-kbira jiġu trasformati fl-istonku f'aċtu, f'alkoħol jew f'fenol l-użu tal-imluħ b'katjoni li għaddew minn valutazzjoni tas-sikurezza għandhom bħala prinċipju jiġu awtorizzati flimkien mal-aċidu, l-alkoħol u l-fenol. F'ċerti każijiet, fejn il-valutazzjoni tas-sikurezza għandha x'taqsam mal-użu tal-aċidi ħielsa, għandhom jiġu awtorizzati l-imluħ biss billi fil-lista jiġi indikat l-isem bħala "…aċidu/aċidi, imluħ".

(18) Is-sustanzi użati fil-manifattura tal-materjali jew l-oġġetti tal-plastik jista' jkun fihom impuritajiet li joriġinaw mill-proċess tagħhom ta' manifattura jew estrazzjoni. Dawn l-impuritajiet jiżdiedu flimkien mas-sustanza b'mod mhux intenzjonat fil-manifattura tal-materjal tal-plastik (sustanza miżjuda b'mod mhux intenzjonat) L-impuritajiet ewlenin ta' sustanza għandhom jitqiesu sal-punt fejn dawn huma rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju u jekk ikun meħtieġ għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet ta' sustanza. Minkejja dan mhuwiex possibbli li jiġu elenkati u kkunsidrati l-impuritajiet kollha fl-awtorizzazzjoni. Għalhekk jista' jkun li jkunu preżenti fil-materjal jew fl-oġġett iżda ma jkunux inklużi fil-lista tal-Unjoni.

▼B

(19) Fil-manifattura tal-polimeri jintużaw sustanzi bħalma huma l-katalizzaturi biex jagħtu bidu għar-reazzjoni ta' polimerizzazzjoni u sustanzi bħalma huma reaġenti biex jikkontrollaw ir-reazzjoni tal-polimerizzazzjoni bħalma huma reaġenti ta' trasferiment tul katina, reaġenti ta' polimerizzazzjoni katina jew reaġenti ta' tmiem ta' katina. Dawn l-aġenti li jgħinu l-polimerizzazzjoni jintużaw f'ammonti minuskoli u mhumiex maħsuba biex jibqgħu fil-polimer finali. Għalhekk f'dan il-waqt ma għandhomx ikunu soġġetti għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni fil-livell tal-UE. Kwalunkwe riskju potenzjali tas-saħħa fil-materjal jew l-oġġett finali li jinqala' mill-użu tagħhom għandu jiġi vvalutat mill-manifattur skont il-prinċipji xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment dwar il-valutazzjoni tar-riskju.

(20) Waqt il-manifattura u l-użu tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik jistgħu jiffurmaw prodotti ta' reazzjoni u ta' degradazzjoni. Dawn il-prodotti ta' reazzjoni u ta' degradazzjoni mhumiex preżenti b'mod intenzjonat fil-materjal tal-plastik. Il-prodotti ewlenin ta' reazzjoni u ta' degradazzjoni tal-applikazzjoni maħsuba għandhom jiġu kkunsidrati u inklużi fir-restrizzjonijiet tas-sustanza sal-punt fejn huma rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju. Minkejja dan mhuwiex possibbli li jiġu elenkati u kkunsidrati l-prodotti kollha ta' reazzjoni u ta' degradazzjoni fl-awtorizzazzjoni. Għalhekk ma għandhomx jiġu elenkati bħala entrati uniċi fil-lista tal-Unjoni. Kwalunkwe riskju potenzjali tas-saħħa fil-materjal jew l-oġġett finali li jinqala' mill-prodotti ta' reazzjoni u ta' degradazzjoni għandu jiġi vvalutat mill-manifattur skont il-prinċipji xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment dwar il-valutazzjoni tar-riskju.

(21) Qabel ma ġiet stabbilita il-lista tal-Unjoni tal-addittivi, fil-manifattura tal-plastiks kienu jistgħu jintużaw addittivi oħra li mhumiex dawk awtorizzati fil-livell tal-UE. Għal dawk l-addittivi li kienu permessi fl-Istati Membri, il-limitu ta' żmien biex titressaq dejta għall-valutazzjoni tas-sikurezza tagħhom mill-Awtorità bil-ħsieb li jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2006. L-addittivi li għalihom tressqet applikazzjoni valida f'dan il-limitu ta' żmien ġew elenkati fil-lista provviżorja. Għal ċerti addittivi fuq il-lista provviżorja, għadha ma ttieħditx deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE. Għal dawk l-addittivi, għandu jkun possibbli li jkomplu jintużaw skont il-liġi nazzjonali sakemm titlesta l-valutazzjoni tagħhom u tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-Unjoni.

(22) Meta addittiv inkluż fil-lista provviżorja jiddaħħal fil-lista Komunitarja ta' addittivi jew meta jiġi deċiż li mhux se jiġi inkluż fil-lista Komunitarja, dak l-addittiv għandu jitneħħa mil-lista provviżorja tal-addittivi.

(23) It-teknoloġiji l-ġodda jiddisinjaw is-sustanzi f'daqs ta' partikula li jesibixxu proprjetajiet kimiċi u fiżiċi li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk fuq skala akbar, pereżempju, in-nanopartikuli. Dawn il-proprjetajiet differenti jistgħu jwasslu għal proprjetajiet tossikoloġiċi differenti u għalhekk dawn is-sustanzi għandhom jiġu vvalutati skont kull każ speċifiku mill-Awtorità f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskju tagħhom sakemm tkun magħrufa aktar informazzjoni dwar din it-tip ta' teknoloġija. Għalhekk għandu jiġi enfasizzat li l-awtorizzazzjonijiet li huma bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskju tad-daqs konvenzjonali tal-partikula ta' sustanza ma jkoprux nanopartikuli ddisinjati.

▼B

(24) Jekk ikun meħtieġ l-awtorizzazzjoni għandha tistipula limiti speċifiċi ta' migrazzjoni abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju biex tiżgura s-sikurezza tal-materja jew l-oġġett finali. Jekk addittiv li jiġi awtorizzat għall-manifattura tal-materjali jew l-oġġetti tal-plastik fl-istess waqt jiġi awtorizzat bħala addittiv tal-ikel jew sustanza li tħawwar għandu jiġi żgurat li r-rilaxx tas-sustanza ma tbiddilx il-kompożizzjoni tal-ikel b'mod inaċċettabbli. Għalhekk ir-rilaxx ta' addittiv jew ħwawar b'użu doppju bħal dawn ma għandux jesibixxi funzjoni teknika fuq l-ikel kemm-il darba funzjoni ta' dan it-tip ma tkunx maħsuba u l-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel jikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-materjali attivi li jiġu f'kuntatt mal-ikel stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u r-Regolament (KE) Nru 450/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 dwar materjali u oġġetti attivi u intelliġenti intenzjonati li jiġu f'kuntatt mal-ikel ([1]). Ir-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([2]) jew (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE ([3]) għandhom jiġu rispettati fejn applikabbli.

(25) Skont il-punt (b) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1934/2004 r-rilaxx ta' sustanzi minn materjali u oġġetti li jiġu f'kuntatt mal-ikel ma għandux iwassal għal bidliet inaċċettabbli fil-kompożizzjoni tal-ikel. Skont il-prassi t-tajba tal-manifattura huwa fattibbli li timmanifattura l-materjali tal-plastik b'mod li ma jirrilaxxawx aktar minn 10 mg ta' sustanzi għal kull 1 dm^2 ta' erja tas-superfiċje tal-materjal tal-plastik. Jekk il-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanza individwali ma tindikax livell iktar baxx, dan il-livell għandu jiġi stipulat bħala limitu ġeneriku għal grad ta' inerzja tal-materjal tal-plastik, il-limitu ta' migrazzjoni globali. Biex jinkisbu riżultati kumparabbli fil-verifika tal-konformità mal-limitu ta' migrazzjoni globali, l-ittestjar għandu jitwettaq f'kondizzjonijiet standardizzati tat-test inklużi l-ħin tal-ittestjar, it-temperatura u s-sustanza ta' kultura (is-simulant tal-ikel) tat-test li jirrappreżentaw l-aġħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-materjal jew l-oġġett tal-plastik.

(26) Il-limitu ta' migrazzjoni globali ta' 10 mg għal kull 1 dm^2 għall-imballaġġ kubiku li jkun fih 1 kg ta' ikel isarraf għal migrazzjoni ta' 60 mg għal kull kg ta' ikel. Għall-imballaġġ żgħir fejn il-proporzjon ta' suprfiċje għall-volum ikun ogħla l-migrazzjoni li tirriżulta għal ġewwa l-ikel hija ogħla. Għat-trabi u t-tfal żgħar li għandhom konsum ogħla ta' ikel għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem mill-adulti u li għad ma għandhomx nutrizzjoni diversifikata, għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi biex jillimitaw il-konsum ta' sustanzi li jagħmlu migrazzjoni mill-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Biex jippermetti li l-imballaġġ ta' volum żgħir ikollu l-istess protezzjoni bħal dik tal-imballaġ ta' volum kbir, il-limitu ta' migrazzjoni globali għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li huma ddedikati għall-imballaġġ tal-ikel għat-trabi u t-tfal iż-żgħar għandu jkun marbut mal-limitu fl-ikel u mhux għall-erja tas-superfiċje tal-imballaġġ.

([1]) ĠU L 135, 30.5.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([3]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.

▼B

(27) F’dawn l-aħħar snin qed jiġu żviluppati materjali tal-plastik li jiġu f’kuntatt mal-ikel li ma jikkonsistux biss minn plastik wieħed iżda jikkombinaw sa 15-il saffa differenti ta’ plastik biex jiksbu funzjonalità u protezzjoni ideali tal-ikel, filwaqt li jnaqqsu l-iskart tal-imballaġġ. F’materjal jew f’oġġett ta’ saff multiplu tal-plastik, is-saffi jistgħu jkunu separati mill-ikel permezz ta’ ostaklu funzjonali. Dan l-ostaklu huwa saff fil-materjali jew l-oġġetti li jiġu f’kuntatt mal-ikel li ma jippermettix il-migrazzjoni ta’ sustanzi minn wara l-ostaklu għal ġol-ikel. Wara ostakolu funzjonali, jistgħu jintużaw sustanzi mhumiex awtorizzati, sakemm jissodisfaw ċerti kriterji u sakemm il-migrazzjoni tagħhom tibqa’ inqas minn limitu speċifiku ta’ perċezzjoni. Meta jitqies l-ikel għat-trabi u għal persuni oħra partikolarment suxxettibbli, kif ukoll it-tolleranza analitika kbira tal-analiżi tal-migrazzjoni, għandu jiġi stabbilit livell massimu ta’ 0,01 mg/kg fl-ikel għall-migrazzjoni ta’ sustanza mhux awtorizzata minn ġo ostakolu funzjonali. Sustanzi li huma mutaġeniċi, karċinoġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni ma għandhomx jintużaw fil-materjali jew l-oġġetti li jiġu f’kuntatt mal-ikel mingħajr awtorizzazzjoni preċedenti u għalhekk ma għandhomx ikunu koperti mill-kunċett ta’ ostaklu funzjonali. Teknoloġiji ġodda li jġibu sustanzi f’daqs ta’ partikuli li juru proprjetajiet kimiċi u fiżiċi li jkunu differenti b’mod sinifikanti minn dawk ta’ daqs akbar, pereżempju, in-nanopartikuli, għandhom jiġu vvalutati skont kull każ speċifiku fir-rigward tar-riskju tagħhom sakemm tkun magħrufa aktar informazzjoni dwar teknoloġija ġdida bħal din. Għalhekk, ma għandhomx jiġu koperti mill-kunċett ta’ ostakolu funzjonali.

(28) F’dawn l-aħħar snin qed jiġu żviluppati materjali u oġġetti li jiġu f’kuntatt mal-ikel magħmula minn kombinazzjona ta’ bosta materjali biex jiksbu funzjonalità u protezzjoni ideali tal-ikel filwaqt li jnaqqsu l-iskart tal-imballaġġ. F’dawn il-materjali u l-oġġetti ta’ saffi multipli magħmula minn materjali multipli, is-saffi tal-plastik għandhom jikkonformaw mal-istess rekwiżiti ta’ kompożizzjoni bħas-saffi tal-plastik li ma jkunux ikkombinati ma’ materjali oħra. Għas-saffi tal-plastik f’saff multiplu magħmul minn materjali multipli li jkunu separati mill-ikel permezz ta’ ostaklu funzjonali għandu japplika l-kunċett tal-ostaklu funzjonali. Minħabba li hemm materjali oħra li jiġu kkumbinati mas-saffi tal-plastik u minħabba li għal dawn il-materjali l-oħra għadhom ma ġewx adottati miżuri speċifiċi fil-livell tal-UE għadu mhuwiex possibbli li jiġu stipulati rekwiżiti għall-materjali u l-oġġetti finali ta’ saff multiplu magħmul minn materjali multipli. Għalhekk ma għandhomx ikunu applikabbli limiti ta’ migrazzjoni speċifiċi u limiti ta’ migrazzjoni globali ħlief għall-monomer tal-klorur tal-vinil li għalih diġà hemm din it-tip ta’ restrizzjoni. Fin-nuqqas ta’ miżura speċifika fil-livell tal-UE li tkopri l-materjali jew l-oġġetti kollha kemm huma ta’ saff multiplu magħmul minn materjali multipli l-Istati Membri jistgħu jippreservaw jew jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali għal dawn il-materjali u l-oġġetti kemm-il darba huma jikkonformaw mar-regoli tat-Trattat.

(29) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 jipprevedi li mal-materjali u l-oġġetti għandha tintbagħat dikjarazzjoni ta’ konformità bil-miktub li tiddikjara li dawn huma konformi mar-regoli applikabbli għalihom. Biex isaħħu l-koordinazzjoni u r-responsabilità tal-forniturifkull stadju tal-manifattura, inkluża dik tas-sustanzi ta’ bidu, il-persuni responsabbli għandhom jiddokumentaw il-konformità mar-regoli rilevanti f’dikjarazzjoni ta’ konformità li ssir disponibbli għall-konsumaturi tagħhom.

▼B

(30) Il-kisjiet, il-linek tal-istampar u l-adeżivi għad mhumiex koperti minn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE u għalhekk mhumiex soġġetti għar-rekwiżit ta' dikjarazzjoni tal-konformità. Minkejja dan, għall-kisjiet, il-linek tal-istampar u l-adeżivi li se jintużaw fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik għandha tingħata informazzjoni xierqa lill-manifattur dwar l-oġġett finali tal-plastik li tippermetti li huwa jiżgura l-konformità għas-sustanzi li għalihom ġew stabbiliti limiti ta' migrazzjoni f'dan ir-Regolament.

(31) L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]) jirrikjedi lill-operatur tan-negozju tal-ikel biex jivverifika li l-ikel huma konformi mar-regoli li huma applikabbli għalihom. Għal dan l-għan u soġġett għar-rekwiżit ta' kunfidenzjalità, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jingħataw aċċess għall-informazzjoni rilevanti biex jippermettilhom u biex jiżgura li l-migrazzjoni mill-materjali u l-oġġetti lejn l-ikel tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet u r-restrizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-ikel.

(32) F'kull stadju tal-manifattura, għandha tinżamm disponibbli għall-awtoritajiet ta' infurzar, dokumentazzjoni ta' appoġġ, li tissostanzja d-dikjarazzjoni ta' konformità. Din il-prova ta' konformità tista' tkun ibbażata fuq l-ittestjar tal-migrazzjoni. Minħabba li l-ittestjar tal-migrazzjoni huwa kumpless, għali u jieħu l-ħin għandu jkun ammissibbli li l-konformità tista' tiġi ppruvata wkoll permezz ta' kalkoli, inklużi mmudellar, analiżi oħra, u evidenza jew raġunament xjentifiku jekk dawn jagħtu riżultati li huma stretti mill-inqas daqs l-ittestjar tal-migrazzjoni. Ir-riżultati tat-test għandhom jitqiesu bħala validi sakemm il-formulazzjonijiet u l-kondizzjonijiet tal-ipproċessar jibqgħu konsistenti bħala parti mis-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

(33) Fl-ittestjar ta' oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel, ċerti oġġetti, bħalma huma pellikoli jew għotjien, spiss ma tkunx vijabbli li tiġi ddeterminata l-erja tas-superfiċje li hija f'kuntatt ma' volum definit ta' ikel. Għal dawn l-oġġetti għandhom jiġu stipulati regoli speċifiċi għall-verifika ta' konformità.

(34) L-iffissar tal-limiti ta' migrazzjoni jieħu inkunsiderazzjoni s-suppożizzjoni konvenzjonali li 1 kg ta' ikel jiġi kkunsmat kuljum minn persuna li tiżen 60 kg u li l-ikel ikun ippakkjat f'kontenitur kubiku ta' erja tas-superfiċje ta' 6 dm^2 li jirrilaxxa s-sustanza. Għal kontenituri żgħar ħafna u kbar ħafna l-erja proprja tas-superfiċje meta mqabbla mal-volum tal-ikel ippakkjat tvarja ħafna mis-suppożizzjoni konvenzjonali. Għalhekk, l-erja tagħhom tas-superfiċje għandha tiġi normalizzata qabel jitqabblu r-riżultati tal-ittestjar mal-limiti tal-migrazzjoni. Dawn ir-regoli għandhom jiġu riveduti meta ssir disponibbli dejta ġdida dwar l-imballaġġ tal-ikel.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

▼B

(35) Il-limitu speċifiku ta' migrazzjoni huwa ammont massimu permess ta' sustanza fl-ikel li għandu jiżgura li l-materjal li jiġu f'kuntatt mal-ikel ma jservix ta' riskju għas-saħħa. Għandu jiġi żgurat mill-manifattur li l-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel se jirrispettaw dawn il-limiti meta jiġu f'kuntatt mal-ikel fl-aġħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' kuntatt. Għalhekk għandha tiġi vverifikata l-konformità ta' materjali u oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel u għandhom jiġu stipulati r-regoli għal dan l-ittestjar.

(36) L-ikel huwa kombinazzjoni kumplessa ta' elementi u għalhekk l-analiżi ta' sustanzi ta' migrazzjoni fl-ikel jistgħu joffru diffikultajiet analitiċi. Għalhekk għandhom jiġu assenjati s-sustanzi ta' kultura għall-ittestjar li jissimulaw it-trasferenza ta' sustanzi mill-materjal tal-plastik ġol-ikel. Huma għandhom jirrappreżentaw il-proprjetajiet fiżjokimiċi ewlenin esibiti mill-ikel. Meta jintuża l-istandard tas-simulanti tal-ikel l-ittestjar mal-ħin ta' ttestjar u t-temperatura għandhom jirriproduċu, sa fejn huwa possibbli, il-migrazzjoni li tista' sseħħ mill-oġġett għal ġol-ikel.

(37) Biex jiġi ddetermiat is-simulat tal-ikel xieraq għal ċertu ikel, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kompożizzjoni kimika u l-proprjetajiet fiżiċi tal-ikel. Hemm disponibbli riżultati tar-riċerka għal ċertu ikel rappreżentattiv li jqabblu l-migrazzjoni għal ġol-ikel mal-migrazzjoni għal ġos-simulanti tal-ikel. Is-simulanti tal-ikel għandhom jiġu assenjati abbażi tar-riżultati. B'mod partikolari, għal ikel li fih ix-xaħam, ir-riżultat li jinkiseb mis-simulant tal-ikel jista' f'ċerti każijiet jissottovaluta b'mod sinifikanti l-migrazzjoni għal ġo l-ikel. F'dawn il-każijiet għandu jiġi previst li r-riżultat fis-simulant tal-ikel ikun ikkoreġut permezz ta' fattur ta' tnaqqis.

(38) L-esponiment għal sustanzi li jagħmlu migrazzjoni minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel ġie bbażat fuq is-suppożizzjoni konvenzjonali li persuna tikkonsma 1 kg ta' ikel kuljum. Madankollu, persuna tieħu massimu ta' 200 g xaħam kuljum. Għal sustanzi lipofiliċi li jagħmlu migrazzjoni biss għal ġox-xaħam dan għandu jittieħed inkunsiderazzjoni. Għalhekk għandha tiġi prevista korrezzjoni tal-migrazzjoni speċifika permezz ta' fattur ta' korrezzjoni applikabbli għal sustanzi lipofiliċi skont l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel ([1]) u l-opinjoni tal-Awtorità ([2]).

(39) Il-kontroll uffiċjali għandu jistabbilixxi strateġiji tal-ittestjar li jippermettu l-awtoritajiet tal-infurzar bix iwettqu kontrolli b'mod effiċjenti filwaqt li jagħmlu l-aqwa użu mir-riżorsi disponibbli. Għalhekk għandu jkun ammissibbli l-użu ta' metodi biex jikkontrollaw il-konformità f'ċerti kondizzjonijiet. In-nuqqas ta' konformità ta' materjal jew oġġett għandu jiġi kkonfermat permezz ta' metodu ta' verifika.

([1]) L-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel tal-4 ta' Diċembru 2002 dwar l-introduzzjoni ta' Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam fl-istima tal-esponiment għal migrazzjoni minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. http://ec.europa.eu/food/fs/sc/scf/out149_en.pdf

([2]) L-Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi tal-Ikel, is-Sustanzi tat-Taħwir, l-Aġenti li jgħinu l-Ipproċessar u l-Materjali ta' Kuntatt mal-Ikel (AFC) fuq talba mill-Kummissjoni marbuta mal-introduzzjoni ta' Fattur li Jnaqqas (Konsum) tax-Xaħam għat-trabi u t-tfal, *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2004) 103, 1-8.

▼B

(40) Ir-regoli bażiċi dwar l-ittestjar tal-migrazzjoni għandhom jiġu stipulati f'dan ir-Regolament. Minħabba li l-ittestjar tal-migrazzjoni huwa kwistjoni kumplessa ħafna, madankollu dawn ir-regoli bażiċi ma jistgħux ikopru l-każijiet u d-dettalji prevedibbli kollha għat-twettiq tal-ittestjar. Għalhekk għandu jiġi stabbilit dokument ta' gwida tal-UE, li jittratta aspetti aktar dettaljati tal-implimentazzjoni tar-regoli bażiċi tal-ittestjar tal-migrazzjoni.

(41) Ir-regoli aġġornati dwar is-simulanti tal-ikel u l-ittestjar tal-migrazzjoni previsti minn dan ir-Regolament għandhom jissostitwixxu lil dawk tad-Direttiva 78/142/KEE u l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 82/711/KEE tat-18 ta' Ottubru 1982 li li tistabbilixxi r-regoli bażiċi meħtieġa għall-ittestjar tal-migrazzjoni tal-kostitwenti ta' materjali u oġġetti tal-plastik intenzjonati biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel ([1]).

(42) Is-sustanzi li huma preżenti fil-plastik iżda li mhumiex elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament mhux bilfors ġew ivvalutati mil-lat ta' riskju minħabba li ma kenux soġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni. Il-konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 għal dawn is-sustanzi għandha tiġi vvalutata mill-operatur rilevanti tan-negozju skont il-prinċipji xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-esponiment mill-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel u sorsi oħra.

(43) Dan l-aħħar, monomeri, sustanzi oħra ta' bidu u addittivi ngħataw valutazzjoni xjentifika favorevoli mill-Awtorità u issa għandhom jiżdiedu mal-lista tal-Unjoni.

(44) Hekk kif jiżdiedu sustanzi ġodda mal-lista tal-Unjoni r-Regolament għandu japplika kemm jista' jkun malajr biex jippermetti lill-manifatturi jadattaw għall-progress tekniku u jagħti spazju għall-innovazzjoni.

(45) Ċerti regoli tal-ittestjar tal-migrazzjoni għandhom jiġu aġġornati fid-dawl tal-għarfien xjentifiku ġdid. L-awtoritajiet tal-infurzar u l-industrija jeħtieġ li jadattaw ir-reġim attwali tagħhom għal dawn ir-regoli aġġornati. Biex jippermettu dan l-adattar jidher xieraq li r-regoli aġġornati japplikaw biss sentejn (2) wara l-adozzjoni tar-Regolament.

(46) Bħalissal-operaturi tan-negozju qed jibbażaw id-dikjarazzjoni tagħhom ta' konformità fuq dokumentazzjoni ta' sostenn filwaqt li jsegwu r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2002/72/KE. Id-dikjarazzjoni tal-ħtieġa tal-konformità, bħala prinċipju, għandha tiġi aġġornata meta bidliet sostanzjali fil-produzzjoni jwasslu għal bidliet fil-migrazzjoni jew meta tkun disponibbli dejta xjentifika ġdida. Biex jillimitaw il-piż fuq operaturi tan-negozju, il-materjali li tqiegħdu skont il-liġi fis-suq abbażi tar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2002/72/KE għandhom ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq b'dikjarazzjoni ta' konformità bbażata fuq id-dokumentazzjoni ta' sostenn skont id-Direttiva 2002/72/KE sa ħames (5) snin wara l-adozzjoni tar-Regolament.

([1]) ĠU L 297, 23.10.1982, p. 26.

▼B

(47) Il-metodi analitiċi għall-ittestjar tal-migrazzjoni u l-kontenut residwu tal-monomer tal-klorur tal-vinil kif deskritti fid-Direttivi tal-Kummissjoni 80/766/KEE tat-8 ta' Lulju 1980 li tistabbilixxi l-metodi ta' analiżi tal-Komunità għal kontroll uffiċjali tal-livell tal-monomer tal-klorur tal-vinil fil-materjali u l-oġġetti maħsubin biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel ([1]) u 81/432/KEE tad-29 ta' April 1981 li tistabbilixxi l-metodu ta' analiżi tal-Komunità għall-kontroll uffiċjali tal-vinyl chloride rilaxxat minn materjali u oġġetti f'oġġetti tal-ikel ([2]) skadew. Il-metodi analitiċi għandhom jikkonformaw mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali. Għalhekk id-Direttivi 80/766/KEE u 81/432/KEE għandhom jiġu revokati.

(48) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-suġġett

1. Dan ir-Regolament hu miżura speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

2. Ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

(a) maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, jew

(b) li diġà qegħdin f'kuntatt mal-ikel inkella

(c) li mistennija b'mod raġjonevoli li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

Artikolu 2

L-ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-materjali u l-oġġetti li jitqiegħdu fis-suq tal-UE u li jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin:

(a) materjali u oġġetti u partijiet minnhom magħmula esklussivament mill-plastik;

([1]) ĠU L 213, 16.8.1980, p. 42.
([2]) ĠU L 167, 24.6.1981, p. 6.
([3]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

▼B

(b) materjali u oġġetti tal-plastik ta' saffi multipli li jżommu flikien permezz tal-adeżivi jew b'mezzi oħrajn;

(c) materjali u oġġetti msemmija fil-punti a) jew b) li huma stampati u/jew koperti minn kisja;

(d) saffi tal-plastik jew kisi tal-plastik, li jiffurmaw is-siġilli fil-kapep u fil-lukketti, li flimkien ma' dawk il-kapep jew il-lukketti jagħmlu sett ta' żewġ saffi jew aktar ta' tipi differenti ta' materjali;

(e) saffi tal-plastik f'materjali u f'oġġetti b'saff multiplu magħmul minn materjali multipli.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-materjali u l-oġġetti li ġejjin li jitqiegħdu fis-suq tal-UE u li huma maħsuba li jiġu koperti minn miżuri speċifiċi oħra:

(a) reżina ta' skambju joniku;

(b) lasktu;

(c) silikoni.

3. Dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-UE jew dawk nazzjonali applikabbli għal-linek tal-istampar, l-adeżivi u l-kisjiet.

Artikolu 3

Id-definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "materjali u oġġetti tal-plastik" tfisser:

(a) materjali u oġġetti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(1); u

(b) saffi tal-plastik imsemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 2(1);

(2) "plastik" tfisser polimer li miegħu jista' jkun żdiedulu addittivi jew sustanzi oħra, li kapaċi jiffunzjona bħala komponent strutturali maġġuri ta' materjali u oġġetti finali;

(3) "polimer" tfisser kwalunkwe sustanza makromolekulari li tinkiseb permezz ta':

(a) proċess ta' polimerizzazzjoni bħalma huma poliaddizzjoni, polikondensazzjoni, jew permezz ta' kwalunkwe proċess simili ieħor ta' monomeri jew sustanzi oħra ta' bidu; jew

(b) modifika kimika ta' makromolekuli naturali jew sintetiċi; inkella

(c) fermentazzjoni bil-mikrobi;

(4) "saff multiplu tal-plastik" tfisser materjal jew oġġett kompost minn żewġ saffi tal-plastik jew aktar;

▼B

(5) “saff multiplu magħmul minn materjali multipli” tfisser materjal jew oġġett kompost minn żewġ saffi ta’ tipi differenti ta’ materjali jew aktar, li mill-inqas wieħed minnhom ikun saff tal-plastik;

(6) “monomer jew sustanza oħra inizjali” tfisser:

(a) sustanza li tgħaddi minn kwalunkwe proċess ta’ polimerizzazzjoni għall-manifattura tal-polimeri; jew

(b) sustanza makromolekulari naturali jew sintetika użata fil-manifattura ta’ makromolekuli modifikati; inkella

(c) sustanza użata biex timmodifika sustanzi makromolekulari naturali jew sintetiċi eżistenti;

(7) “addittiv” tfisser sustanza li tiżdied intenzjonalment mal-plastiks biex jinkiseb effett fiżiku jew kimiku waqt ipproċessar tal-plastik jew fil-materjal jew l-oġġett finali; huwa maħsub biex ikun preżenti fil-materjal jew l-oġġett finali;

(8) “aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer” tfisser kwalunkwe sustanza użata biex tipprovdi sustanza ta’ kultura adattata għall-polimer jew il-manifattura tal-plastik; huwa jista’ jkun preżenti iżda la huwa maħsub li jkun preżenti fil-materjali jew l-oġġetti lesti u lanqas ma jkollu effett fiżiku jew kimiku fil-materjal jew l-oġġett lest;

(9) “sustanza miżjuda b’mod mhux intenzjonat” tfisser impurità fis-sustanza użata jew intermedju ta’ reazzjoni li jifforma waqt il-proċess tal-produzzjoni inkella prodott ta’ dikompożizzjoni jew ta’ reazzjoni;

(10) “aġent li jgħin il-polimerizzazzjoni” tfisser sustanza li tagħti bidu lill-polimerizzazzjoni u/jew tikkontrolla l-formazzjoni tal-istruttura molekulari;

(11) “limitu ta’ migrazzjoni globali” tfisser l-ammont massimu permess ta’ sustanzi li ma jieħdux in-nar rilaxxati minn materjal jew oġġett fis-simulanti tal-ikel;

(12) “simulant tal-ikel” tfisser kwalunkwe sustanza ta’ kultura għall-ittestjar li timita l-ikel; fl-imġiba tiegħu s-simulant tal-ikel jimita l-migrazzjoni mill-materjali li jiġu f’kuntatt mal-ikel;

(13) “limitu ta’ migrazzjoni speċifika” tfisser l-ammont massimu permess ta’ sustanza speċifika li tiġi rilaxxata minn materjal jew oġġett fl-ikel jew fis-simulanti tal-ikel;

(14) “limitu ta’ migrazzjoni speċifika totali” tfisser is-somma massima permessa ta’ sustanzi partikolari rilaxxati fl-ikel jew fis-simulanti tal-ikel espressa bħala total tal-grupp tas-sustanzi indikati;

(15) “ostakolu funzjonali” tfisser ostakolu li jikkonsisti minn saff wieħed jew aktar ta’ kwalunkwe tip ta’ materjal li jiżgura li l-materjal jew l-oġġett finali jikkonforma mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament;

▼B

(16) “ikel mhux xaħmi” tfisser ikel li fl-ittestjar tal-migrazzjoni għandu stipulat għalih fit-Tabella 2 tal-Anness V ta’ dan ir-Regolament, simulanti tal-ikel biss ħlief D1 jew D2;

(17) “restrizzjoni” tfisser limitazzjoni tal-użu ta’ sustanza jew limitu ta’ migrazzjoni inkella limitu tal-kontenut tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett;

(18) “speċifikazzjoni” tfisser kompożizzjoni ta’ sustanza, kriterji tal-purità għal sustanza, karatteristiċi fiżikokimiċi ta’ sustanza, dettalji li għandhom x’jaqsmu mal-proċess tal-manifattura ta’ sustanza jew informazzjoni ulterjuri dwar l-espressjoni tal-limiti ta’ migrazzjoni.

Artikolu 4

It-tqegħid fis-suq tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik

Materjali u oġġetti tal-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk huma:

(a) jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 li jaqgħu taħt użu maħsub u prevedibbli; u

(b) jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittekettjar stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004; u

(c) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ traċċabilità stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004; u

(d) mmanifatturati skont il-prassi t-tajba tal-manifattura kif stipulata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 ([1]); u

(e) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ kompożizzjoni u ta’ dikjarazzjoni stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta’ dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

IR-REKWIŻITI TA’ KOMPOŻIZZJONI

TAQSIMA 1

Sustanzi Awtorizzati

Artikolu 5

Lista tal-Unjoni ta’ sustanzi awtorizzati

1. Huma biss is-sustanzi inklużi fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi awtorizzati (minn issa ’l quddiem “il-lista tal-Unjoni”) stipulati fl-Anness I li jistgħu jintużaw b’mod intenzjonat fil-manifattura tas-saffi tal-plastik fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

2. Il-lista tal-Unjoni għandu jkun fiha:

(a) monomeri jew sustanzi oħra ta’ bidu;

(b) addittivi minbarra koloranti;

([1]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 75.

▼B

(c) aġenti li jgħinu l-produzzjoni tal-polimer minbarra s-solventi;

(d) makromolekuli li nkisbu minn fermentazzjoni bil-mikrobi.

3. Il-lista tal-Unjoni tista' tiġi emendata skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 8 sa 12 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

Artikolu 6

Id-derogi għas-sustanzi mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni

Is-simulanti tal-ikel A, B u C huma allokati għal ikel li fih karattru idrofiliku u li kapaċi jagħmel estrazzjoni tas-sustanzi idrofiliċi. Is-simulant tal-ikel B għandu jintuża għal dak l-ikel li fih pH inqas minn 4,5. Is-simulant tal-ikel C għandu jintuża għall-ikel alkoħoliku b'kontenut tal-alkoħol sa 20 % u dak l-ikel li fih ammont rilevanti ta' ingredjenti organiċi li jrendu l-ikel aktar lipofiliku.

Is-simulanti tal-ikel D1 u D2 huma allokati għal ikel li fih karattru lipofiliku u li kapaċi jagħmel estrazzjoni tas-sustanzi lipofiliċi. Is-simulant tal-ikel D1 għandu jintuża għall-ikel alkoħoliku b'kontenut alkoħoliku li jaqbeż l-20 % għaż-żejt fl-emulsjonijiet tal-ilma. Is-simulant tal-ikel D2 għandu jintuża għal ikel li fih sustanza xaħmija libera fis-superfiċje.

Is-simulant tal-ikel E huwa allokat għall-ittestjar tal-migrazzjoni speċifika fl-ikel niexef.

3. **L-allokazzjoni speċifika ta' simulanti tal-ikel għal ikel għall-ittestjar tal-migrazzjoni ta' materjali u oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel**

Għall-ittestjar tal-migrazzjoni minn materjali u oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel is-simulanti tal-ikel li jikkorrispondu għal ċerta kategorija tal-ikel għad trid tingħażel skont it-Tabella 2 hawn taħt.

▼B

Għall-ittestjar tal-migrazzjoni globali minn materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' kategoriji differenti tal-ikel jew ma' kombinazzjoni ta' kategoriji tal-ikel hija applikabbli l-allokazzjoni tas-simulant tal-ikel fil-punt 4.

It-Tabella 2 fiha l-informazzjoni li ġejja:

Il-Kolonna 1 (In-numru ta' referenza): fiha n-numru ta' referenza tal-kategorija tal-ikel.

Il-Kolonna 2 (Deskrizzjoni tal-ikel): fiha deskrizzjoni tal-ikel kopert mill-kategorija tal-ikel

Il-Kolonna 3 (Is-Simulant tal-Ikel): fiha subkolonni għal kull wieħed mis-simulanti tal-ikel

Is-simulant tal-ikel li għandu salib fis-subkolonna tal-kolonna 3 għandu jintuża waqt l-ittestjar tal-migrazzjoni ta' materjali u ta' oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel.

Il-kategoriji tal-ikel fis-subkolonna D2 fejn wara s-salib ikun hemm linja inklinata u ċifra, ir-riżultat tat-test tal-migrazzjoni għandu jiġi diviż b'din iċ-ċifra qabel ma jitqabbel mal-limitu tal-migrazzjoni. Iċ-ċifra hija l-fattur ta' korrezzjoni msemmi fil-punt 4.2 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Għall-kategorija tal-ikel 01.04. is-simulant tal-ikel D2 għandu jinbidel b'95 % Etanol

Għall-kategoriji tal-ikel li fis-subkolonna B fejn wara s-salib ikun hemm (*) l-ittestjar fis-simulant tal-ikel B jista' jitħalla barra jekk l-ikel ikollu pH ta' aktar minn 4,5.

Għall-kategoriji tal-ikel li fis-subkolonna D2 fejn wara s-salib ikun hemm (**) l-ittestjar fis-simulant tal-ikel D2 jista' jitħalla barra jekk tista' tingħata prova premezz ta' test xieraq li ma hemm l-ebda "kuntatt xaħmi" mal-materjal tal-plastik ta' kuntatt mal-ikel.

Tabella 2

L-allokazzjoni speċifika għall-kategorija tal-ikel tas-simulanti tal-ikel

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
01	**Ix-Xorb**						
01.01	Ix-xorb mhux alkoħoliku jew ix-xorb alkoħoliku b'qawwa alkoħolika ta' inqas minn 6 % vol.:						
	A. Ix-xorb trasparenti:		X(*)	X			
	Ilma, ciders, meraq trasparenti tal-frott jew tal-ħaxix ta' qawwa normali jew ikkonċentrat, nettari tal-frott, luminati, xiroppi, bitters, infużjonijiet, kafè, tè, birer, soft drinks, energy drinks u xarbiet simili, ilma bit-togħma, estratt likwidu tal-kafè						

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
	B. ix-xorb imdennes:		X(*)		X		
	meraq u nettari u soft drinks li fihom il-polpa tal-frott, mosti li fihom il-polpa tal-frott, ċikkulata likwida						
01.02	Xarbiet alkoħoliċi ta' qawwa alkoħolika 'il fuq minn 6 %vol u 20 %.			X			
01.03	Xarbiet alkoħoliċi ta' qawwa alkoħolika 'il fuq minn 20 % u l-likuri tal-krema kollha				X		
01.04	Imħalltin: alkoħol etiliku mhux żnaturat		X(*)			Substitute 95 % Ethanol	
02	**Iċ-ċereali, il-prodotti miċ-ċereali, il-ħelu tal-għaġina, il-gallettini, il-kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara**						
02.01	Lamti						X
02.02	Iċ-ċereali, mhux ipproċessati, minfuħa, fi flakes, (inklużi l-popcorn, il-corn flakes u oġġetti simili)						X
02.03	Dqiq u smid taċ-ċereali						X
02.04	Pasta xotta pereżempju mqarrun, spagetti u prodotti simili u pasta friska						X
02.05	Ħelu tal-għaġina, gallettini, kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara, xotti:						
	A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ					X/3	
	B. Oħrajn						X
02.06	Ħelu tal-għaġina, il-kejkijiet, għaġina u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara, friski:						
	A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ					X/3	
	B. Oħrajn						X

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
03	**Ċikkulata, zokkor u prodotti tagħhom**						
	Prodotti tad-dolċerija						
03.01	Ċikkulata, prodotti miksija biċ-ċikkulata, sostituti u prodotti miksija bis-sostituti					X/3	
03.02	Prodotti tad-dolċerija:						
	A. Fl-għamla solida:						
	I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ					X/3	
	II. Oħrajn						X
	B. Fl-għamla ta' paste:						
	I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ					X/2	
	II. Umdi			X			
03.03	Zokkor u prodotti miz-zokkor						
	A. F'għamla solida: kristali jew trab						X
	B. Għasel iswed, xiroppi taz-zokkor, għasel u oħra simili	X					
04	**Frott, ħaxix u prodotti minnhom**						
04.01	Frott sħiħ, frisk jew imkessaħ, bil-qoxra						
04.02	Frott ipproċessat:						
	A. Frott imnixxef jew deidrat, sħoħ, imqatta', dqiq jew trab						X
	B. Frott fil-froma ta' purée, preservat, paste jew fil-meraq tiegħu stess jew ġulepp taz-zokkor (jam, compote u prodotti simili)		X(*)	X			
	C. Frott ippreservat f'mezz likwidu:						
	I. F'mezz żejtni					X	
	II. F'mezz alkoħoliku				X		

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
04.03	Ġewż (karawett, qastan, lewż, ġellewż, ġewż, żerriegħa tal-prinjol u oħrajn):						
	A. Bla qoxra, imnixxfa, f'biċċiet irqaq jew fi trab						X
	B. Mingħar qoxra u inkaljati						X
	C. Fl-għamla ta' paste jew krema	X				X	
04.04	Ħaxix sħiħ, frisk jew imkessaħ, bil-qoxra						
04.05	Ħaxix ipproċessat:						
	A. Ħaxix imnixxef jew iddeidrat sħiħ, imfellel jew fl-għamla ta' dqiq jew trab						X
	B. Ħaxix frisk, bla qoxra jew maqtugħ	X					
	C. Ħaxix fl-għamla ta' purée, ta' priserv, ta' pejst jew fil-meraq tiegħu nnifsu (inkluż dak tal-pikless u fl-ilma mielaħ		X(*)	X			
	D. Ħaxix ippreservat:						
	I. F'mezz żejtni	X				X	
	II. F'mezz alkoħoliku				X		
05	**Xaħmijiet u żjut**						
05.01	Ix-xaħmijiet u ż-żjut mill-annimali u mill-ħxejjex, sew jekk naturali u sew jekk ittrattati (inklużi l-butir tal-kawkaw, ix-xaħam, il-butir issolidifikat mill-ġdid)					X	
05.02	Il-marġerina, il-butir u xaħmijiet u żjut oħra magħmula mill-emulsjonijiet ta' ilma fiż-żejt					X/2	
06	**Prodotti mill-annimali u l-bajd**						
06.01	Ħut:						
	A. Frisk, imkessaħ, ipproċessat, immellaħ jew iffumigat inkluż bajd tal-ħut	X				X/3(**)	

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
	B. Ħut ippreservat:						
	I. F'mezz żejtni	X				X	
	II. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma		X(*)	X			
06.02	Krustaċji u molluski (inklużi gajdri, maskli, bebbux)						
	A. Friski fil-qoxra						
	B. Bla qoxra, ipproċessati, ippreservati jew imsajra bil-qoxra						
	I. F'mezz żejtni	X				X	
	II. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma		X(*)	X			
06.03	Laħam tal-ispeċji żooloġiċi kollha (inklużi t-tjur tal-irziezet u tal-priża):						
	A. Friski, imkessħa, immellħa, iffumikati	X				X/4(**)	
	B. Prodotti tal-laħam ipproċessat (bħalma huma perżut, salami, bejken, zalzett, u oħrajn) jew fil-forma ta' paste, kremi	X				X/4(**)	
	C. Prodotti tal-laħam immarinat f'mezz żejtni	X				X	
06.04	Ħaxix ippreservat:						
	A. F'mezz xaħmi jew żejtni	X				X/3	
	B. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma		X(*)		X		
06.05	Bajd sħiħ, isfar tal-bajd, abjad tal-bajd						
	A. Fi trab jew imnixxfa jew iffriżati						X
	B. Likwidi u msajra				X		
07	**Prodotti tal-ħalib**						
07.01	Ħalib						
	A. Ħalib u xarbiet abbażi tal-ħalib sħaħ, parzjalment imnixxfa u xkumati jew parzjalment xkumati				X		

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
	B. Trab tal-ħalib inkluż ħalib tat-tfal (abbażi ta' trab tal-ħalib sħiħ)						X
07.02	Ħalib iffermentat bħal jogurt, xorrox tal-butir u prodotti simili		X(*)		X		
07.03	Krema u krema qarsa		X(*)		X		
07.04	Ġobnijiet:						
	A. Sħiħ, b'qoxra li ma tittikilx						X
	B. Ġobon naturali bla qoxra jew bil-qoxra tittiekel (gouda, camembert, u dawk simili) u ġobon li jdub					X/3(**)	
	C. Ġobon ipproċessat (ġobon artab, cottage cheese u oħra simili)		X(*)		X		
	D. Ġobon ippreservat:						
	I. F'mezz żejtni	X				X	
	II. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma (feta, mozzarella, u oħrajn simili)		X(*)		X		
08	**Prodotti mħalltin**						
08.01	Ħall		X				
08.02	Ikel moqli jew fil-forn:						
	A. Patata moqlija, il-fritturi u oħrajn simili	X				X/5	
	B. Ta' oriġini mill-annimali	X				X/4	
08.03	Tħejjijiet għas-sopop, għall-brodijiet, fl-għamla likwida, solida jew trab (estratti, konċentrati); preparazzjonijiet tal-ikel kompożitu omoġenizzat, platti ppreparati inklużi ħmira u aġenti li jgħollu						
	A. Fl-għamla ta' trab jew imnixxfa:						
	I. B'karattru xaħmi					X/5	
	II. Oħrajn						X

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
	B. kwalunkwe għamla oħra li mhijiex fi trab jew imnixxfa:						
	I. B'karattru xaħmi	X	X(*)			X/3	
	II. Oħrajn		X(*)	X			
08.04	Zlazi:						
	A. B'karattru ta' soluzzjoni tal-ilma		X(*)	X			
	B. B'karattru xaħmi pereżempju mayonnaise, zlazi mnissla mill-mayonnaise, kremi għall-insalata u taħlitiet oħra taż-żejt/l-ilma pereżempju zlazi abbażi tal-ġewż tal-Indi	X	X(*)			X	
08.05	Mustarda (minbarra mustarda fl-għamla ta' trab li taqa' taħt l-intestatura 08.14)	X	X(*)			X/3(**)	
08.06	Sandwiches, pizza ħobż mixwi u oħrajn simili li jkun fihom kwalunkwe tip ta' prodott tal-ikel						
	A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ	X				X/5	
	B. Oħrajn						X
08.07	Ġelati			X			
08.08	Ikel imnixxef:						
	A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ					X/5	
	B. Oħrajn						X
08.09	Ikel iffriżat jew surġelat						X
08.10	Estratti kkonċentrati ta' qawwa alkoħolika ta' 6 % vol. jew aktar		X(*)		X		
08.11	Kawkaw						
	A. Trab tal-kawkaw, inkluż dak bix-xaħam imnaqqas u dak bix-xaħam imnaqqas fi grad għoli						X
	B. Paste tal-kawkaw					X/3	

▼B

(1)	(2)	(3)					
Numru ta' Referenza	Deskrizzjoni tal-ikel	Simulanti tal-ikel					
		A	B	C	D1	D2	E
08.12	Kafè, inkaljat jew le, dekaffeinat jew li jinħall fl-ilma, is-sostituti tal-kafè, fl-għamla ta' granuli jew trab						X
08.13	Ħwawar aromatiċi u ħwawar oħra bħalma huma l-kamomilla, ħobbejza, nagħniegħ, tè, zahar tal-lime u oħrajn						X
08.14	Spices u ħwawar fl-istat naturali bħal kannella, imsiemer tal-qronfol, mustarda fi trab, bżat, vanilla, żagħfran, melħ u oħrajn						X
08.15	Spices u ħwawar f'mezz taż-żejt bħalma huma pesto, paste tal-curry					X	

4. **Allokazzjoni tas-simulant tal-ikel għall-ittestjar tal-migrazzjoni globali**

Biex jingħata prova tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni globali għat-tipi kollha tal-ikel għandu jitwettaq test fl-ilma distillat jew fl-ilma ta' kwalità ekwivalenti jew fis-simulant tal-ikel A u s-simulant tal-ikel B u s-simulant tal-ikel D2.

Biex jingħata prova tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni globali għat-tipi kollha tal-ikel minbarra għall-ikel aċiduż għandu jitwettaq test fl-ilma distillat jew fl-ilma ta' kwalità ekwivalenti jew fis-simulant tal-ikel A u s-simulant tal-ikel D2.

Biex jingħata prova tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni globali għat-tipi kollha tal-ikel fl-ilma jew tal-ikel alkoħoliku u l-prodotti tal-ħalib għandu jitwettaq test fis-simulant tal-ikel D1.

Biex jingħata prova tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni globali għat-tipi kollha tal-ikel fl-ilma u tal-ikel aċiduż u alkoħoliku u l-prodotti tal-ħalib għandu jitwettaq test fis-simulant tal-ikel D1 u s-simulant tal-ikel B.

Biex jingħata prova tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni globali għat-tipi kollha tal-ikel fl-ilma u tal-ikel alkoħoliku sa kontenut alkoħoliku ta' 20 % għandu jitwettaq test fis-simulant tal-ikel B.

Biex jingħata prova tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni globali għat-tipi kollha tal-ikel fl-ilma u l-ikel aċiduż u l-ikel alkoħoliku sa kontenut alkoħoliku ta' 20 % għandu jitwettaq test fis-simulant tal-ikel C u s-simulant tal-ikel B.

▼B

ANNESS IV

Id-dikjarazzjoni tal-konformità

Id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 15 għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(1) l-identità u l-indirizz tal-operatur kummerċjali li joħroġ id-dikjarazzjoni ta' konformità;

(2) l-identità u l-indirizz tal-operatrur tan-negozju li jimmanifattura jew jimporta l-materjali jew l-oġġetti jew il-prodotti tal-plastik minn stadji intermedji tal-manifattura tagħhom jew is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti;

(3) l-identità tal-materjali, l-oġġetti jew il-prodotti minn stadji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti;

(4) id-data tad-dikjarazzjoni;

(5) konferma li l-materjali u l-oġġetti tal-plastik, il-prodotti minn satdji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (KE) Nru 1935/2004;

(6) informazzjoni adegwata dwar is-sustanzi użati jew il-prodotti tagħhom ta' degradazzjoni li dwarhom hemm restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament biex tippermetti lill-operaturi tan-negozju li huma iktar 'l isfel fil-katina tal-operat biex jiżguraw konformità ma' dawk ir-restrizzjonijiet;

(7) informazzjoni adegwata dwar is-sustanzi li huma soġġetti għal restrizzjoni fl-ikel, li nkisbu minn dejta sperimentali jew minn kalkolu teoretiku dwar il-livell tal-migrazzjoni speċifika tagħhom u, fejn ikun xieraq, kriterji ta' purezza skont id-Direttivi 2008/60/KE, 95/45/KE u 2008/84/KE biex tippermetti lill-utent ta' dawn il-materjali u l-oġġetti jkun jista' jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE, jew fin-nuqqas tagħhom, mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-ikel;

(8) l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-użu tal-materjal jew l-oġġett, bħalma huma:

(i) it-tip jew tipi ta' ikel maħsub/a biex jiġi/jiġu f'kuntatt miegħu;

(ii) it-tul ta' żmien u t-temperatura tat-trattament u l-ħażna f'kuntatt mal-ikel;

(iii) il-proporzjon tal-erja tas-superfiċje ta' kuntatt mal-volum użat biex tiġi stabbilita l-konformità tal-materjal jew l-oġġett;

(9) meta jintuża ostaklu funzjonali f'materjal jew f'oġġetti ta' saffi multipli, il-konferma li l-materjal jew l-oġġett jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 13(2), (3) u (4) jew l-Artikolu 14(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

▼B

ANNESS V

L-ITTESTJAR TAL-KONFORMITÀ

Għall-ittestjar tal-konformità ta' migrazzjoni mill-materjali u l-oġġetti tal-plastik f'kuntatt mal-ikel japplikaw ir-regoli ġenerali li ġejjin.

KAPITOLU 1

L-ittestjar għal migrazzjoni speċifika tal-materjali u l-oġġetti li diġà qegħdin f'kuntatt mal-ikel

1.1. **It-tħejjija tal-kampjun**

Il-materjal jew l-oġġett għandu jinħażen kif indikat fit-tikketta tal-imballaġġ jew f'kondizzjonijiet adegwati għall-ikel imballat jekk ma jingħatawx struzzjonijiet. L-ikel għandu jitneħħa mill-kuntatt mal-materjal jew l-oġġett qabel id-data ta' skadenza jew qabel kwalunkwe data li l-manifattur indika li l-prodott għandu jintuża għal raġunijiet ta' kwalità jew sikurezza.

1.2. **Il-kondizzjonijiet tal-ittestjar**

L-ikel għandu jiġi ttrattat skont l-istruzzjonijiet tat-tisjir fuq l-imballaġġ jekk l-ikel għandu jissajjar fl-imballaġġ. Il-partijiet tal-ikel li mhumiex maħsuba biex jittieklu għandhom jintneħħew u jintremew. Il-bqija għandu jiġi omoġenizzat u analizzat għall-migrazzjoni. Ir-riżultati analitiċi għandhom dejjem jiġu espressi abbażi tal-massa tal-ikel li maħsuba biex tittiekel, f'kuntatt mal-materjal ta' kuntatt mal-ikel.

1.3. **L-analiżi ta' sustanzi li għamlu migrazzjoni**

Il-migrazzjoni speċifika hija analizzata fl-ikel billi jintuża metodu analitiku skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/-2004.

1.4. **Il-każijiet speċjali**

Meta sseħħ kontaminazzjoni minn sorsi li mhumiex materjali ta' kuntatt aml-ikel din għandha tittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-ittestjar għall-konformità tal-materjali ta' kuntatt mal-ikel, b'mod partiklari għall-ftalati (Sustanza ta' Materjal li jiġi f'Kuntatt mal-Ikel 157, 159, 283, 728, 729) imsemmija fl-Anness I.

KAPITOLU 2

L-ittestjar għal migrazzjoni speċifika tal-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel

2.1. **Il-metodu ta' verifika**

Il-verifika tal-konformità tal-migrazzjoni fl-ikel mal-limiti tal-migrazzjoni għandha titwettaq fl-aktar kondizzjonijiet estremi ta' tul ta' żmien u ta' temperatura prevedibbli fl-użu proprju filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-paragrafi 1.4, 2.1.1, 2.1.6 and 2.1.7.

Il-verifika tal-konformità tal-migrazzjoni fis-simulanti tal-ikel mal-limiti tal-migrazzjoni għandha titwettaq bl-użu ta' testijiet konvenzjonali ta' migrazzjoni skont ir-regoli stipulati fil-paragrafi 2.1.1 sa 2.1.7.

▼B

2.1.1. *It-tħejjija tal-kampjun*

Il-materjal jew l-oġġett għandu jiġi ttrattat kif deskritt mill-istruzzjonijiet li jiġu miegħu jew mid-dispożizzjonijiet mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-konfomità.

Il-migrazzjoni hija ddeterminata fuq il-materjal jew l-oġġett jew, jekk dan ma jkunx prattiku, fuq kampjun li jittieħed mill-materjal jew l-oġġett, inkella kampjun rappreżentattiv ta' dan il-materjal jew l-oġġett. Għal kull simulant tal-ikel jew tip ta' ikel, jintuża kampjun ġdid għat-test. Għandhom jitqiegħdu f'kuntatt mas-simulant tal-ikel jew l-ikel dawk lil-partijiet biss li huma maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel fl-użu proprju.

2.1.2. *L-għażla tas-simulant tal-ikel*

Il-materjali u l-oġġetti maħsuba għal kuntatt mat-tipi kollha tal-ikel għandhom jiġu ttestjati mas-simulant tal-ikel A, B u D2. Minkejja dan, jekk is-sustanzi li jistgħu jirreaġixxu mas-simulant tal-ikel aċiduż jew mal-ikel aċiduż ma jkunux preżenti l-ittestjar fis-simulant tal-ikel B jista' jitħalla barra.

Il-materjali u l-oġġetti maħsuba biess għal tipi speċifiċi ta' ikel għandhom jiġu ttestjati bis-simulanti tal-ikel indikati għat-tipi tal-ikel fl-Anness III.

2.1.3. *Il-kondizzjonijiet ta' kuntatt meta jintużaw is-simulanti tal-ikel*

Il-kampjun għandu jitqiegħed f'kuntatt mas-simulant tal-ikel b'tali mod li jirrappreżenta l-agħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu fir-rigward tat-tul ta' żmien ta' kuntatt fit-Tabella 1 u fir-rigward tat-temperatura tal-kuntatt fit-Tabella 2.

Jekk jinstab li jekk jitwettqu t-testijiet fil-kondizzjonijiet tal-kuntatt speċifikati fit-Tabella 1 u 2 dan jikkawża bidliet fiżiċi jew bidliet oħra fil-kampjun tat-test li ma jiġrux taħt l-agħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-matejal jew l-oġġett li qed jiġi eżaminat, it-testijiet tal-migrazzjoni għandhom isiru taħt l-agħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu fejn dawn il-bidliet fiżiċi jew bidliet oħra ma jseħħux.

Tabella 1

Tul ta' żmien ta' kuntatt

Żmien ta' kuntatt fl-agħar użu prevedibbli	Żmien tat-test
$t \leq 5$ min	5 min
5 min $< t \leq$ 0.5 siegħa	0.5 siegħa
0.5 siegħa $< t \leq 1$ siegħa	1 siegħa
1 siegħa $< t \leq 2$ sigħat	2 sigħat
2 sigħat $< t \leq 6$ sigħat	6 sigħat
6 sigħat $< t \leq 24$ siegħa	24 siegħa
1jum $< t \leq 3$ jiem	3 jiem
3 jiem $< t \leq 30$ jiem	10 jiem
'Il fuq minn 30 jum	Ara l-kondizzjonijiet speċifiċi

▼B

Tabella 2

Temperatura ta' kuntatt

Kondizzjonijiet ta' kuntatt fl-agħar użu prevedibbli	Kondizzjonijiet tat-test
Temperatura ta' kuntatt	Temperatura tat-test
T ≤ 5 °C	5 °C
5 °C < T ≤ 20 °C	20 °C
20 °C < T ≤ 40 °C	40 °C
40 °C < T ≤ 70 °C	70 °C
70 °C < T ≤ 100 °C	100 °C jew temperatura tar-reflux
100 °C < T ≤ 121 °C	121 °C (*)
121 °C < T ≤ 130 °C	130 °C (*)
130 °C < T ≤ 150 °C	150 °C (*)
150 °C < T < 175 °C	175 °C (*)
T > 175 °C	Irregola t-temperatura għat-temperatura reali fil-punt ta' kuntatt mal-ikel (*)

(*) Din it-temperatura għandha tintuża biss għas-simulanti tal-ikel D2 u E. Għall-applikazzjonijiet li ssaħnu taħt pressjoni jista' jitwettaq l-ittestjar għall-migrazzjoni taħt pressjoni fit-temperatura rilevanti. Għas-simulanti tal-ikel A, B, C jew D1 it-test jista' jiġi sostitwit b'test f'100 °C jew fit-temperatura ta' reflux għat-tul ta' żmien erba' darbiet iż-żmien magħżul skont il-kondizzjonijiet fit-Tabella 1.

2.1.4. *Kondizzjonijiet speifiċi għat-tulijiet ta' żmien ta' kuntatt 'il fuq minn 30 jum f'temperatura ambjentali u inqas*

Għal tulijiet ta' żmien 'il fuq minn 30 jum fit-temperatura ambjentali u inqas il-kampjun għandu jiġi ttestjat f'test aċċellerat f'temperatura elevata għal massimu ta' għaxar (10) jiem f'60 °C. It-tul ta' żmien tal-ittestjar u l-kondizzjonijiet tat-temperatura għandhom ikunu bbażati fuq il-formola li ġejja.

t2 = t1 * Exp ((-Ea/R) * (1/T1-1/T2))

Ea hija l-agħar każ ta; enerġija ta' attivazzjoni 80kJ/mol

R huwa fattur 8.31 J/Kelvin/mol

Exp -9627 * (1/T1-1/T2)

t1 huwa t-tul ta' żmien ta' kuntatt

t2 huwa t-tul ta' żmien tal-ittestjar

T1 huwa t-temperatura ta' kuntatt f'Kelvin. Għal ħażna f'temperatura ambjentali din hija stabbilita għal 298 K (25 °C). Għal kondizzjonijiet ta' refriġirazzjoni jew f'kondizzjonijiet iffriżati din hija stabbilita għal 278 K (5 °C).

T2 huwa t-temperatura tal-ittestjar f'Kelvin.

L-ittestjar għal għaxar (10) jiem f'20 °C għandu jkopri t-tulijiet ta' żmien ta' ħażna kollha f'kondizzjoni ffriżata

▼B

L-ittestjar għal għaxar (10) jiem f'40 °C għandu jkopri t-tulijiet ta' żmien ta' ħażna kollha f'kondizzjonijiet ta' refriġirazzjoni u f'kondizzjonijiet iffriżati inkluż tisħin sa 70 °C għal sa sagħtejn (2), jew tisħin sa 100 °C sa 15-il minuta

L-ittestjar għal għaxar (10) jiem f'50 °C għandu jkopri t-tulijiet ta' żmien ta' ħażna kollha f'kondizzjonijiet ta' refriġirazzjoni jew f'kondizzjonijiet iffriżati inkluż tisħin sa 70 °C għal sa sagħtejn (2), jew tisħin sa 100 °C sa 15-il minuta u tulijiet ta' żmien ta' ħażna sa sitt (6) xhur f'temperatura ambjentali.

L-ittestjar għal għaxar (10) jiem f'60 °C għandu jkopri ħażna li tifrex fuq medda twila ta' żmien 'il fuq minn sitt (6) xhur f'temperatura ambjentali u inqas inkluż tisħin sa 70 °C għal sa sagħtejn (2), jew tisħin sa 100 °C sa 15-il minuta

Irt-temperatura massima tal-ittestjar hija kkontrollata mit-temperatura ta' tranżizzjoni tal-faži tal-polimer. Fit-temperatura tat-test il-kampjun tat-test ma għandu jgħaddi minn l-ebda bidla fiżika.

Għal ħażna f'temperatura ambjentali t-tul ta' żmien tal-ittestjar jista' jitnaqqas għal għaxar (10) jiem f' 40 °C jekk ikun hemm evidenza xjentifika li l-migrazzjoni tas-sustanza rispettiva fil-polimer tkun laħqet ekwilibrazzjoni f'din il-kondizzjoni tat-test.

2.1.5. *Kondizzjonijiet speċifiċi għal kombinazzjonijiet ta' tulijiet ta' żmien ta' kuntatt u ta' temperatura*

Jekk materjal jew oġġett ikun maħsub għal applikazzjonijiet differenti li jkopru kombinazzjonijiet differenti ta' tul ta' żmien ta' kuntatt u ta' temperatura l-ittestjar għandu jkun limitat għall-kondizzjonijiet tat-test li huma rikonoxxuti bħala l-iktar stretti abbaži tal-evidenza xjentifika.

Jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub għall-applikazzjoni ta' kuntatt mal-ikel fejn ikun soġġett b'mod suċċessiv għal kombinazzjoni ta' żewġ tulijiet ta' żmien u temperaturi, it-test tal-migrazzjoni għandu jitwettaq billi jissoġġetta l-kampjun tat-test b'mod suċċessiv għall-agħar kondizzjonijiet prevedibbli applikabbli xierqa għall-kampjun, filwaqt li tintuża l-istess biċċa ta' simulant tal-ikel.

2.1.6. *L-oġġetti ta' użu ripetut*

Jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub biex jiġi f'kuntatt ripetut mal-ikel, it-test(ijiet) tal-migrazzjoni għandu/għandhom jitwettaq/jitwettqu tliet darbiet fuq kampjun wieħed filwaqt li tintuża biċċa oħra tas-simulant tal-ikel kull darba. Il-konformità tiegħu tiġi vverifikata abbaži tal-livell ta' migrazzjoni li tinstab fit-tielet test.

Madankollu, jekk ikun hemm prova konklussiva li l-livell tal-migrazzjoni ma jiżdiedx fit-tieni u t-tielet testijiet u jekk il-limiti tal-migrazzjoni ma jinqabżux fl-ewwel test, ma jkun hemm bżonn tal-ebda test ulterjuri.

Il-materjal jew l-oġġett għandu jirrispetta l-limitu ta' migrazzjoni speċifika mill-ewwel fl-ewwel test għal sustanzi li fl-Anness I it-tabella 1 il-kolonna 8 jew it-tabella 2 il-kolonna 3 għandhom il-limitu ta' migrazzjoni speċifika stipulata bħala mhux perċettibbli u għal sustanzi mhux elenkati li jintużaw wara ostaklu funzjonali tal-plastik koperti bir-regoli tal-punt (b) tal-Artikoli 13(2) li ma għandhomx iwettqu migrazzjoni f'ammonti perċettibbli.

2.1.7. *L-analiżi ta' sustanzi li jagħmlu migrazzjoni*

Fl-aħħar tat-tul ta' żmien ta' kuntatt preskritt, il-migrazzjoni speċifika tiġi analizzata fl-ikel jew fis-simulant tal-ikel billi jintuża metodu analitiku skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

▼B

2.1.8. *Il-verifika tal-konformità permezz tal-kontenut residwu għall-erja tas-superfiċje ta' kuntatt mal-ikel (QMA)*

Għal sustanzi li mhumiex stabbli fis-simulant tal-ikel jew fl-ikel jew li għalihom ma hemm l-ebda metodu analitiku adegwat disponibbli, fl-Anness I hemm indikat li l-verifika tal-konformità għandha titwettaq permezz tal-verifika tal-kontenut residwu għal kull 6 dm^2 ta' superfiċje ta' kuntatt. Għall-materjali u l-oġġetti bejn 500 ml u 10 l tiġi applikata s-superfiċje proprja ta' kuntatt. Għall-materjali u l-oġġetti li jkunu inqas minn 500 ml u aktar minn 10 l kif ukoll għall-oġġetti li ma jkunx prattiku għalihom li tiġi kkalkulata s-superfiċje proprja ta' kuntatt, is-superfiċje ta' kuntatt titqies li hija 6 dm^2 għal kull kg ta' ikel.

2.2. **Il-metodoloġiji tal-ispezzjonar**

Biex isir spezzjonar dwar jekk materjal jew oġġett jikkonformax mal-limiti ta' migrazzjoni jistgħu jiġu applikati kwalunkwe waħda mill-metodoloġiji li ġejjin li huma meqjusa aktar stretti mill-metodu ta' verifika deskritt fit-taqsima 2.1.

2.2.1. *Is-sostituzzjoni tal-migrazzjoni speċifika mill-migrazzjoni globali*

Biex isir spezzjonar dwar jekk il-migrazzjoni speċifika ta' sustanzi li ma jieħdux in-nar, tista' tiġi applikata d-determinazzjoni tal-migrazzjoni globali f'kondizzjonijiet tat-test li jkunu stretti mill-inqas sal-livell għall-migrazzjoni speċifika.

2.2.2. *Il-kontenut residwu*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni speċifika l-potenzjal tal-migrazzjoni jista' jiġi kkalkulat abbażi tal-kontenut residwu tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett filwaqt li jitqies li jkun hemm migrazzjoni kompluta.

2.2.3. *L-immudellar tal-migrazzjoni*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni speċifika l-potenzjal tal-migrazzjoni jista' jiġi kkalkulat abbażi tal-kontenut residwu tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett bl-applikazzjoni ta' mudelli ta' diffużjoni rikonoxxuti b'mod ġenerali bbażati fuq evidenza xjentifika li jinbnew b'tali mod li jagħmlu sovrastima tal-migrazzjoni proprja.

2.2.4. *Is-sostituti tas-simulant tal-ikel*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni speċifika, is-simulanti tal-ikel jistgħu jiġu sostitwiti minn sostituti tas-stimulanti tal-ikel jekk ikun hemm bażi ta' evidenza xjentifika li s-sostituti tas-simulanti tal-ikel jagħmlu sovrastima tal-migrazzjoni meta mqabbla mas-simulanti regolati tal-ikel.

KAPITOLU 3

L-ittestjar għall-migrazzjoni globali

L-ittestjar għall-migrazzoni globali għandu jitwettaq fil-kondizzjonijiet standardizzati tal-ittestjar stipulati f'dan il-kapitolu.

3.1. **Il-kondizzjonijiet tal-ittestjar standardizzati**

It-test tal-migrazzjoni globali għall-materjali u l-oġġetti maħsuba għall-kondizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti fil-kolonna 3 tat-tabella 3 għandhom jitwettqu għat-tul ta' żmien speċifikat u fit-temperatura speċifikata fil-kolonna 2. Għat-test OM5 t-test jista' jitwettaq jew għal sagħtejn (2) f'100 °C (is-simulant tal-ikel D2) fir-reflux (is-simulant tal-ikel A, B, C, D1) jew għal siegħa (1) f'121 °C. Is-simulant tal-ikel għandu jintgħażel skont l-Anness III.

▼B

Jekk jinstab li t-twettiq tat-testijiet fil-kondizzjonijiet tal-kuntatt speċifikati fl-Tabella 3 jikkawża bidliet fiżiċi jew bidliet oħra fil-kampjun tat-test li ma jiġrux fl-aġħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-matejal jew l-oġġett li qed jiġi eżaminat, it-testijiet tal-migrazzjoni għandhom jitwettqu fl-aġħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu fejn dawn il-bidliet fiżiċi jew bidliet oħra ma jseħħux.

Tabella 3

Il-kondizzjonijiet tal-ittestjar standardizzati

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3
Numru tat-Test	Tul ta' żmien ta' kuntatt f'jiem [j] jew siegħat [s] Temperatura tal-Kuntatt [°C]	Kondizzjonijiet maħsuba tal-kuntatt mal-ikel
OM1	10 j f'20 °C	Kwalunkwe kuntatt f'kondizzjonijiet iffriżati u refriġirati.
OM2	10 j f'40 °C	Kwalunkwe ħażna fit-tul f'temperatura ambjentali jew inqas, inkluż tisħin sa 70 °C sa 2 siegħat, jew tisħin sa 100 °C sa 15-il minuta.
OM3	2 s f'70 °C	Kwalunkwe kondizzjoni ta' kuntatt li tinkludi tisħin sa 70 °C għal sa 2 siegħat, jew sa 100 °C għal sa 15-il minuta, li ma tiġix segwita minn ħażna fit-tul f'temperatura ambjentali jew f'temperatura refriġirata.
OM4	1 s f'100 °C	Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja għas-simulanti tal-ikel kollha f'temperatura sa 100 °C.
OM5	2 s f'100 °C jew fir-reflux inkella f'1 s f'121 °C	Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja sa 121 °C.
OM6	4 s f'100 °C f'ir-reflux	Kwalunkwe kondizzjoni ta' kuntatt mal-ikel mas-simulanti tal-ikel A, B jew C, f'temperatura li taqbeż 40 °C.
OM7	2 s f'175 °C	Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja b'ikel xaħmi li jaqbeż il-kondizzjonijiet ta' OM5

It-test OM7 jkopri wkoll kondizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1, OM2, OM3, OM4, OM5. Huwa jirrappreżenta l-aġħar kondizzjonijiet għas-simulanti tal-ikel xaħmi f'kuntatt ma' nonpoljolefini. F'każ li teknikament ma jkunx fattibbli li jitwettaq OM7 bis-simulant tal-ikel D2 it-test jista' jiġi sostitwit kif stipulat fil-paragrafu 3.2.

It-test OM6 jkopri wkoll kondizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1, OM2, OM3, OM4 u OM5. Huwa jirrappreżenta l-aġħar kondizzjonijiet għas-simulanti tal-ikel A, B u C f'kuntatt ma' nonpoljolefini.

▼B

It-test OM5 jkopri wkoll kondizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1, OM2, OM3, OM4. Huwa jirrappreżenta l-aġħar kondizzjonijiet għas-simulanti tal-ikel kollha f'kuntatt ma' nonpoljolefini.

It-test OM2 ikopri wkoll kondizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1 u OM3.

3.2. **It-test ta' sostituzzjoni għal OM7 bis-simulant tal-ikel D2**

F'każ li teknikament MA JKUNX fattibbli li jitwettaq OM7 bis-simulant tal-ikel D2 it-test jista' jiġi sostitwit bit-test OM8 jew OM9. Iż-żewġ kondizzjonijiet tat-test deskritti hawn fuq fit-test rispettiv jistgħu jitwettqu b'kamojun ġdid tat-test.

Numru tat-Test	Kondizzjonijiet tat-test	Kondizzjonijiet maħsuba tal-kuntatt mal-ikel	Ikopri l-kondizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel maħsub deskritt fi
OM 8	Simulant tal-ikel E għal 2 siegħat f'175 °C u s-simulant tal-ikel D2 għal sagħtejn (2) f'100 °C	Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja biss	OM1, OM3, OM4, OM5, u OM6
OM 9	Simulant tal-ikel E għal 2 siegħat f'175 °C u s-Simulant tal-ikel D2 għal 10 jiem f'40 °C	Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja inkluża ħażna fit-tul f'temperatura ambjentali	OM1, OM2, OM3, OM4, OM5 u OM6

3.3. **L-oġġetti ta' użu ripetut**

Jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub biex jiġi f'kuntatt ripetut mal-ikel, it-test tal-migrazzjoni għandu jitwettaq tliet darbiet fuq kampjun wieħed filwaqt li jintuża kampjun ieħor tas-simulant tal-ikel kull darba.

Il-konformità tiegħu tiġi vverifikata abbażi tal-livell ta' migrazzjoni li tinstab fit-tielet test. Madankollu, jekk ikun hemm prova konklussiva li l-livell tal-migrazzjoni ma jiżdiedx fit-tieni u t-tielet testijiet u jekk il-limitu tal-migrazzjoni globali ma jinqabiżx fl-ewwel test, ma jkun hemm bżonn tal-ebda test ulterjuri.

3.4. **Il-metodoloġiji tal-ispezzjonar**

Biex isir spezzjonar dwar jekk materjal jew oġġett jikkonformax mal-limiti ta' migrazzjoni jistgħu jiġu applikati kwalunkwe waħda mill-metodoloġiji li ġejjin li huma meqjusa aktar stretti mill-metodu ta' verifika deskritt fit-taqsimiet 3.1 u 3.2.

3.4.1. *Il-kontenut residwu*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni globali l-potenzjal tal-migrazzjoni jista' jiġi kkalkulat abbażi tal-kontenut residwu tas-sustanzi li kapaċi jwettqu migrazzjoni ddeterminati f'estrazzjoni kompluta tal-materjal jew l-oġġett.

▼B

3.4.2. *Is-sostituti tas-simulant tal-ikel*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni globali, is-simulanti tal-ikel jistgħu jiġu sostitwiti abbażi ta' evidenza xjentifika li s-sostituti tas-simulanti tal-ikel jagħmlu sovrastima tal-migrazzjoni metaq mqabbla mas-simulanti regolati tal-ikel.

KAPITOLU 4

Fatturi ta' korrezzjoni applikati fil-paragun ta' riżultati tat-test tal-migrazzjoni mal-limiti tal-migrazzjoni

4.1. **Il-korrezzjoni tal-migrazzjoni speċifika fl-ikel li fih aktar minn 20 % xaħam skont il-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam**

Għal sustanzi lipofiliċi li fl-Anness I fil-kolonna 7 hemm indikat dwarhom li l- Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam huwa applikabbli, il-migrazzjoni speċifika tista' tiġi korretta permezz tal-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam. Il-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam huwa ddeterminat skont il-formola FRF = (g xaħam fl-ikel/kg tal-ikel)/200 = (% xaħam × 5)/100.

Il-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam għandu jiġi applikat għar-regoli li ġejjin.

Ir-riżultati tat-test tal-migrazzjoni għandu jiġi diviż mill-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam qabel il-paragun mal-limiti tal-migrazzjoni.

Din il-korrezzjoni mill-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam mhijiex applikabbli fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-materjal jew l-oġġett jinstab jew ikun maħsub li jinġieb f'kuntatt mal-ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar kif definit bid-Direttivi 2006/141/KE u 2006/125/KE;

(b) għal materjali u oġġetti li għalihom mhuwiex prattiku li ssir stima tar-relazzjoni bejn l-erja tas-superfiċje u l-kwantità tal-ikel f'kuntatt magħha, pereżempju minħabba l-għamla jew l-użu tagħhom, u l-migrazzjoni hija kkalkulata bl-użu tal-fattur tal-konverżjoni konvenzjonali ta' 6 dm^2/kg — erja tas-superfiċje/volum.

L-applikazzjoni tal-fattur li Jnaqqas ix-Xaħam ma għandhiex twassal għal migrazzjoni speċifika li taqbeż il-limitu ta' migrazzjoni globali.

4.2. **Il-korrezzjoni tal-migrazzjoni ġos-simulant tal-ikel D2**

Għall-kategoriji tal-ikel fejn fis-subkolonna D2 tal-kolonna 3 tat-tabella 2 tal-Anness III s-salib ikollu warajh ċifra, ir-riżultat tat-test tal-migrazzjoni ġos-simulant tal-ikel D2 għandu jiġi diviż b'din iċ-ċifra.

Ir-riżultati tat-test tal-migrazzjoni għandu jiġi diviż mill-fattur ta' korrezzjoni qabel il-paragun mal-limiti tal-migrazzjoni.

Il-korrezzjoni mhijiex applikabbli għall-migrazzjoni speċifika għas-sustanzi fil-lista tal-Unjoni fl-Anness I li għalihom il-limitu tal-migrazzjoni speċifika fil-kolonna 8 "mhuwiex perċettibbli" u għal sustanzi mhux elenkati użati wara ostaklu funzjonali tal-plastik koperti mir-regoli tal-punt (b) tal-Artikolu 13(2) li ma għandhomx jagħmlu migrazzjoni f'ammonti perċettibli.

4.3. **Il-kombinazzjoni tal-fatturi tal-korrezzjoni 4.1 u 4.2.**

Il-fatturi tal-korrezzjoni deskritti fil-punti 4.1 u 4.2 jistgħu jiġu kkombinati għall-migrazzjoni tas-sustanzi li għalihom huwa applikabbli l-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam meta l-ittestjar jitwettaq fis-simulant tal-ikel D2 billi jiġu mmultiplikati ż-żewġ fatturi. Il-fattur massimu applikat ma għandux jaqbeż 5.

▼B

ANNESS VI

Tabelli ta' korrelazzjoni

Id-Direttiva 2002/72/KE	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 1
L-Artikolu 1(2), (3) u (4)	L-Artikolu 2
L-Artikolu 1a	L-Artikolu 3
L-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5	L-Artikolu 5
L-Artikolu 4(2), l-Artikolu 4a(1) u (4), l-Artikolu 4d, l-Anness II(2) u (3) u l-Anness III(2) u (3)	L-Artikolu 6
L-Artikolu 4a(3) u (6)	L-Artikolu 7
L-Anness II (4) u l-Anness III (4)	L-Artikolu 8
L-Artikolu 3 (1) u l-Artikolu (4)(1)	L-Artikolu 9
L-Artikolu 6	L-Artikolu 10
L-Artikolu 5a (1) u l-Anness I (8)	L-Artikolu 11
L-Artikolu 2	L-Artikolu 12
L-Artikolu 7a	L-Artikolu 13
L-Artikolu 9(1) u (2)	L-Artikolu 15
L-Artikolu 9(3)	L-Artikolu 16
L-Artikolu 7 u l-Anness I (5a)	L-Artikolu 17
L-Artikolu 8	L-Artikolu 18
L-Anness II (3) u l-Anness III (3)	L-Artikolu 19
L-Anness I, l-Anness II, l-Anness IV, l-Anness IVa, l-Anness V il-Parti B, u l-Anness VI	L-Anness I
L-Anness II (2), l-Anness III (2) u l-Anness V, il-Parti A	L-Anness II
L-Artikolu 8(5) u l-Anness VIa	L-Anness IV
L-Anness I	L-Anness V

Id-Direttiva 93/8/KEE	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 11
L-Artikolu 1	L-Artikolu 12
L-Artikolu 1	L-Artikolu 18
Anness	Anness III
Anness	Anness V

Id-Direttiva 97/48/KE	Dan ir-Regolament
Anness	Anness III
Anness	Anness V